MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-2 ta’ Marzu, 2022

Appell Inferjuri Numru 258/2020 LM

**Fl-atti tal-Ittra Uffiċjali magħmula ai termini tal-artikolu 166A bin-numru 1093/2020 fl-ismijiet:**

**Lotus Green Cleaning Solutions Limited**
*(‘is-soċjetà appellata’)*

***vs.***

**Christian Borg (K.I. 315493M) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Gold Car Rentals**
*(‘l-appellant’)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Christian Borg (K.I. 315493M) eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Gold Car Rentals**, [minn issa ’l quddiem ‘l-appellant’], minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa ’l quddiem

'l-Ewwel Qorti'], tat-23 ta' Ġunju, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet avvanzati mir-rikorrent bir-rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru, 2020, u minflok ikkonfermat it-titolu eżekuttiv tas-soċjetà intimata fil-konfront tiegħu bis-saħħa tal-ittra uffiċjali *ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (numru 1093/2020), u kkonfermat l-atti eżekuttivi maħruġa mis-soċjetà intimata abbażi tat-titolu eżekuttiv akkwistat. L-Ewwel Qorti ordnat ukoll li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom ikunu sopportati mir-rikorrent, u ordnat li d-digriet mogħti minnha jiġi komunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ir-rikorrent Christian Borg jiġi investigat għal sperġur fi proċeduri ċivili *ai termini* tal-artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali.

**Fatti**

2. Fil-15 ta' Ġunju, 2020, **Lotus Green Solutions (C 70450)** ippreżentat l-ittra uffiċjali mertu tar-rikors li wassal għal dawn il-proċeduri. Ir-rikorrent (id-destinatarju tal-ittra) jikkontendi li huwa qatt ma irċieva din l-ittra uffiċjali, u li għandu jirriżulta li l-parti tad-dokument *(il-pink card)* fejn suppost li saret il-firma tiegħu, tħalliet vojta. Christian Borg spjega li din l-ittra uffiċjali qatt ma waslet għandu kif titlob il-liġi, li hu ma kienx jaf b'din l-ittra uffiċjali, u li din ma ġietx notifikata lilu kif imiss. Qal li kien minħabba f'hekk li huwa ma setax jopponi għall-kontenut tal-ittra uffiċjali kif kellu dritt li jagħmel *ai termini* tal-artikolu 166A (3) tal-Kap. 12. Christian Borg qal li a tenur tal-artikolu 166A (5) tal-Kap. 12, id-debitur huwa intitolat li jitlob li l-effetti ta' ittra uffiċjali reża

eżekuttiva mir-Reġistratur tal-Qorti, tiġi rexissa u dikjarata nulla u mingħajr effett fil-liġi.

**Mertu**

3. Permezz ta' ittra uffiċjali bid-data tal-15 ta' Ġunju, 2020, is-soċjetà Lotus Green Cleaning Solutions Limited interpellat lil Christian Borg eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Gold Car Rentals, sabiex fi żmien ħamest ijiem iħallasha s-somma ta' erbat elef, seba' mija u sebgħin Euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€4,770.96) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' merkanzija mibjugħa lilu u kkonsenjata mis-soċjetà mittenti, flimkien mal-imgħaxijiet dovuti skont il-liġi. Id-destinatarju tal-ittra ġie infurmat ukoll li f'każ li huwa jonqos milli jirrispondi għal din l-ittra billi jippreżenta nota fl-atti tal-ittra uffiċjali fejn jirrespinġi t-talba, l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-konfront tiegħu.

4. Is-soċjetà intimata Lotus Green Cleaning Solutions Limited, fir-risposta tagħha wieġbet li l-isem tagħha ġie indikat erronjament fir-rikors intavolat minn Christian Borg, u t-talbiet magħmula minnu huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk għandhom jiġu miċħuda. Is-soċjetà intimata qalet li n-notifika tal-ittra uffiċjali numru 1093/2020 hija valida u skont il-liġi, u huwa l-artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregola b'liema mod għandu jitqies li ġiet notifikata ittra uffiċjali. Qalet li skont ir-Reġistru Elettorali, jirriżulta li Christian Borg jirrisjedi fl-indirizz indikat fl-ittra mibgħuta lilu, u minkejja li r-riferta m'għandha l-ebda firma, dan bl-ebda mod ma jfisser li din mhijiex valida. Qalet li r-riferta tindika bl-aktar mod ċar li l-ittra uffiċjali ġiet imqassma permezz tal-posta reġistrata u ġiet aċċettata minn Raymond Borg li jgħix fl-istess indirizz. Is-

soċjetà intimata spjegat li l-ittra in kwistjoni tqassmet fis-17 ta' Ġunju, 2020 fi żmien meta f'Malta kien hawn emerġenza tas-saħħa pubblika. Dak iż-żmien, sabiex tiġi salvagwardjata s-saħħa pubblika, il-kumpannija Maltapost plc kienet qiegħda tuża proċedura li permezz tagħha ma kinux qegħdin jintalbu l-firem ta' persuni li jirċievu posta reġistrata, iżda kienu qegħdin jitniżżlu biss id-dettalji tal-individwu li jkun ġabarha u n-numru tal-karta tal-identità relattiv. Qalet li għalhekk ir-riferta hija valida u skont il-liġi, u għandu jirriżulta li minkejja li debitament notifikat, ir-rikorrent naqas milli jippreżenta risposta entro t-terminu stipulat mil-liġi, u għalhekk ir-rikors odjern huwa biss tentattiv sabiex tiġi kkontestata l-ittra uffiċjali, wara li r-rikorrent naqas milli jħares il-provvedimenti tal-liġi.

5. Waqt id-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, **Christian Borg** xehed li huwa qatt ma sema' bl-indirizz 70, 'Sharay', Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, għalkemm ftit wara kkonferma li missieru jgħix fi Triq il-Fraxxnu, ġewwa San Ġiljan, f'dar bin-numru 20. Qal ukoll li huwa ta' kuljum jirċievi notifiki mill-Qorti minħabba fin-negozju li għandu, u qal li missieru dejjem jiffirma l-ittri tal-Qorti għan-nom tiegħu. Qal li normalment missieru jpoġġi l-posta li tasal għalih f'kaxxa maġenb il-bieb ta' barra, sabiex huwa jkun jista' jiġbor l-ittri tiegħu minn hemm. Qal ukoll li huwa qatt qabel ma kellu problemi bin-notifiki tal-Qorti. Qal li huwa sar jaf b'din l-ittra uffiċjali partikolari wara li rċieva mandat, għaliex huwa baqa' ma weġibx għall-interpellazzjoni li saritlu. Waqt il-kontro-eżami li sar lir-rikorrent, ġie stabbilit li l-indirizz li huwa jidher irreġistrat fih fuq ir-Reġistru Elettorali, huwa proprju 70, 'Sharay', Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan. Ir-rikorrent ikkonferma wkoll li huwa direttur tal-kumpannija bl-isem 'No Deposit Cars

Malta Limited', li l-indirizz reġistrat tagħha hu 'Sharay', Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan.

6. **Laura Bugelli**, uffiċjal tal-Maltapost, xehdet quddiem l-Ewwel Qorti li fiż-żmien meta saret in-notifika in kwistjoni, il-Maltapost kienet tat struzzjonijiet lill-ħaddiema tagħha sabiex minflok jitolbu l-firma tad-destinatarju, jiktbu l-isem u l-kunjom u l-karta tal-identità tal-persuna li tkun irċeviet l-posta reġistrata. Ix-xhud ikkonfermat li kienet hija stess li kkonsenjat l-ittra uffiċjali in kwistjoni fl-indirizz indikat.

7. **Savio Borg**, in rappreżentanza tal-Kummissjoni Elettorali, xehed li Raymond Borg, missier ir-rikorrent, kien ilu reġistrat fuq l-indirizz 70, 'Sharay', Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan għal bosta snin. Ix-xhud ikkonferma wkoll li anki r-rikorrent Christian Borg huwa rreġistrat fl-istess indirizz, u n-numru tad-dar beda jidher f'dan l-indirizz f'April tal-2018.

## Is-Sentenza Appellata

8. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Ġunju, 2021, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet avvanzati mir-rikorrent bir-rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru, 2020, u minflok ikkonfermat it-titolu eżekuttiv miksub mis-soċjetà intimata fil-konfront tiegħu bis-saħħa tal-ittra uffiċjali bin-numru 1093/2020*ai termini* tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u kkonfermat l-atti eżekuttivi maħruġa mis-soċjetà intimata abbażi ta' dan it-titolu eżekuttiv, filwaqt li ordnat li d-deċiżjoni tagħha tiġi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ir-rikorrent jiġi investigat għal sperġur fi proċeduri ċivili *ai termini* tal-

artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Ikkunsidrat;***

*Bil-proċeduri odjerni r-Rikorrent jitlob li jiġu rexissi l-effetti eżekuttivi tal-Ittra Uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166 A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 1093/2020 fl-ismijiet "Lotus Green Cleaning Solutions Limited v. Christian Borg eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Gold Car Rentals" datata 15 ta' Ġunju, 2020 u t-titolu eżekuttiv jiġi dikjarat bħala null u bla effett fil-Liġi, stante li l-imsemmija Ittra Uffiċjali qatt ma ġiet notifikata lilu kif rikjest mil-Liġi bil-konsegwenza li ma kienx jaf biha u ma kienx ikkontestaha kif meħtieġ ai termini tal-Artikolu 166 A (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-bażi prinċipali tat-talba tar-Rikorrent hija li mill-*pink card *annessa mal-ittra Uffiċjali bin-Numru 1093/2020 jirriżulta li ma hemmx firma tad-destinatarju u għaldaqstant li l-imsemmija Ittra Uffiċjali ma ġietx notifikata ai termini tal-Liġi.*

*Is-soċjetà intimata tikkontesta t-talba tar-Rikorrent u titlob li l-istess tiġi miċħuda u minflok l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1093/2020 tiġi dikjarata bħala notifikata validament u konsegwentement eżegwibbli skont il-Liġi stante li: (i) ir-Rikorrent jirrisjedi fil-fond 70, Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, li huwa l-indirizz fejn skont il-*pink card *annessa mal-Ittra Uffiċjali din tħalliet f'idejn Raymond Borg, detentur tal-Karta tal-Identità bin-Numru 200051(M), li jiġi missier ir-Rikorrent u ukoll residenti fil-fond 70, Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan; (ii) ir-raġuni għalfejn il-*pink card *ma ġietx iffirmata minn Raymond Borg hija għaliex meta din tqassmet fis-17 ta' Ġunju, 2020, kien għad hemm l-emerġenza tas-saħħa pubblika, stante li kienet għaddejja l-pandemija tal-COVID_19, u sabiex tiġi salvagwardata s-saħħa pubblika l-Maltapost p.l.c. kienet qed tuża proċedura, imħabbra permezz ta'* Press Release *esebita bħala Dok. "B" a fol. 17 sa 19 tal-proċess, li permezz tagħha ma titlobx firem ta' persuni li jirċievu ittri reġistrati iżda kienu qed jitniżżlu biss id-dettalji tal-individwi li jkunu ġabruha u n-numru tal-Karta tal-Identità: (iii) in-notifika tal-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1093/2020 kienet notifika valida u l-proċeduri odjerni għalhekk ma huma xejn għajr tentattiv da parte tar-Rikorrent biex jikkontesta l-istess Ittra Uffiċjali għad illi naqas milli jottempera ruħhu mal-provvedimenti tal-Liġi.*

*L-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:*

(1) F'azzjonijiet għall-ħlas ta' dejn ċert, likwidu u li għalaq u li ma jkunx jikkonsisti fl-esekuzzjoni ta' fatt, u meta l-ammont tad-dejn ma jkunx jeċċedi ħamsa u għoxrin

elf Euro (€25,000), jew dik is-somma l-oħra li tista' tiġi stabbilita minn żmien għal żmien b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru, il-kreditur ikun jista' jipproċedi skont dawn is-subartikoli ta' dan l-artikolu li ġejjin: Iżda meta d-dejn ma jkunx likwidu, il-kreditur jista' jimxi skont dan l-artikolu jekk huwa jillimita d-dejn tiegħu għal ammont li ma jeċċedix ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u jirrinunzja espressament għal kull parti mit-talba tiegħu li tista' meta tiġi likwidata teċċedi dik is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) jew dik is-somma l-oħra li tista' tiġi stabbilita minn żmien għal żmien b'Ordni fil-Gazzetta mill-Ministru: Iżda wkoll il-kreditur ikun jista' jimxi skont dan l-artikolu biss jekk id-debitur ikun preżenti f'Malta u ma jkunx minuri jew persuna inkapaċitata skont il-liġi u jekk id-dejn ma jkunx dovut minn eredità ġjaċenti. Il-ħatra ta' kuraturi skont it-Titolu XI tat-Tielet Ktieb ta' dan il-Kodiċi ma għandhiex tapplika għal proċeduri skont dan l-artikolu: Iżda ukoll, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, meta dejn illi għalih ikun japplika dan l-artikolu jkun kopert b'polza ta' assigurazzjoni, l-assigurat għandu, bla ħsara għal dak stipulat fil-polza ta' assigurazzjoni, fi żmien ħmistax-il ġurnata mindu jiġi notifikat b'ittra uffiċjali magħmula skont dan l-artikolu javża bil-miktub lill-assigurazzjoni b'dik l-ittra uffiċjali u jagħtiha dawk id-dettalji dwar it-talba illi huwa jkun jaf bihom. Fin-nuqqas, kull titolu eżekuttiv li jinkiseb skont dan l-artikolu ma jkollu l-ebda effett fir-rigward tal-assiguratur.

(2) Il-kreditur għandu jmexxi billi jippreżenta ittra uffiċjali, illi għandha tkun skont forma stabbilita mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja b'avviż legali u illi l-kontenut tagħha għandu jiġi konfermat bil-ġurament mill-kreditur, jew quddiem ir-reġistratur jew prokuratur legali maħtur bħala Kummissarju bis-setgħa li jagħti ġurament taħt l-Ordinanza dwar il-Kummissarji b'setgħa li jagħtu l-Ġurament, li għandha tiġi notifikata lid-debitur fejn għandu jiġi dikjarat b'mod ċar, taħt piena ta' nullità, ir-raġuni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-raġunijiet għaliex it-talba għandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba: ...

(3) L-Ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv. ...

(4) Meta d-debitur ma jopponix it-talba, fi żmien tletin jum minn notifika tagħha lid-debitur, jew meta d-debitur jopponi biss it-talba f'parti minnha fiż-żmien hawn qabel imsemmi, l-ittra uffiċjali għandha għar-rigward tat-talba hekk mhux

opposta, jew dik il-parti fiha hekk mhux opposta, tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv bħallikieku dik l-ittra uffiċjali kienet inkluża fl-artikolu 253(a).

*Titolu eżekuttiv li jinkiseb tramite Ittra Uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166 A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandu, ai termini tas-subartikolu (5) tal-imsemmi Artikolu tal-Liġi, jiġi rexiss u dikjarat null u bla ebda effett meta fuq talba li d-debitur intimat jagħmel permezz ta' Rikors quddiem il-Qorti kompetenti fi żmien għoxrin ġurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat eżekuttiv jew xi att ġudizzjarju ieħor imsejjes fuq dak it-titolu, dik il-Qorti tkun sodisfatta li: (a) id-debitur ma kienx jaf bl-ittra uffiċjali għaliex huwa ma kienx notifikat kif imiss; jew (b) li l-ittra uffiċjali ma kienx fiha l-ħtiġijiet stipulati fis-subartikoli (1), (2) jew (3) tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġjiet ta' Malta.*

*Ir-Rikorrent evidentement qed jibbaża l-kontestazzjoni tiegħu għat-titolu eżekuttiv ottenut mis-soċjetà intimata bis-saħħa tal-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1093/20250, fuq l-Artikolu 166A (5)(i) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Mill-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1093/2020 jirriżulta li ġie indikat bħala indirizz għall-finijiet tan-notifika tar-Rikorrent – debitur intimat għall-finijiet ta' dik l-Ittra – l-indirizz 70, Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan. Mill-*pink card *tal-Ittra Uffiċjali in kwistjoni jirriżulaw is-segwenti dettalji fejn għandhom jitniżżlu d-dettalji tad-destinatarju, ossia Raymond Borg, I/D. Nru. 200051(M), u hemm indikata bħal d-data tal-konsenja ta' din l-ittra s-17 ta' Ġunju, 2020. Fuq din il-*pink card *ma tirriżultax il-firma ta' dan Raymond Borg qua l-persuna li rċeviet l-Ittra in kwistjoni.*

*Ir-Rikorrent għall-ewwel ipprova jattakka n-notifika tal-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1093/2020 billi qal, anzi xehed taħt ġurament (fn. 5 xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar, 2020, fol. 23 sa 29 tal-proċess) li huwa qatt ma sema' bl-indirizz 70, Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan u li l-indirizz ta' missieru Raymond Borg huwa Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, u li n-numru tal-bieb huwa 20. Fir-rigward in effetti għall-mistoqsija:* ha nibdew minn hemm Sur Borg. L-indirizz 70, "Sharay", Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, tista' tgħidilna xi ħaġa dwaru jekk jogħġbok? *Ir-rikorrent wieġeb* jiena qatt ma smajt b'dak l-indirizz. *Mistoqsi mill-Qorti fejn joqgħod missieru Raymond Borg, ir-Rikorrent wieġeb* Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan. *Imwissi mill-Qorti li kien qed jixhed taħt ġurament u li b'hekk ma jistax jigdeb anke jekk seta' kien hemm żball fin-numru tad-dar, ir-Rikorrent wieġeb* if you don't care about that number mela dik storja oħra imma dak l-indirizz 70, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, ma jeżistix Sinjura Maġistrat. *Mistoqsi imbagħad x'inhu n-numru tal-bieb tad-dar ta' missieru, ir-Rikorrent wieġeb li dan għandu n-numru 20.*

*Ix-xhieda tar-Rikorrent però ġiet għal kollox imxejna mix-xhieda ta' Savio Borg, rappreżentant tal-Kummissjoni Elettorali, u mid-dokumenti esebiti minnu, ossia estratti tar-Reġistri Elettorali tul is-snin. Fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2021 (fn. 6 fol. 60 sa 63 tal-proċess), Savio Borg xehed illi* Raymond Borg, detentur tal-Karta tal-Identità numru 200051(M) ... l-indirizz reġistrat huwa, jiena l-aħħar reġistru li kelli jiġifieri ġie printjat nhar il-Ġimgħa jiġifieri għad m'għandix hard copy tiegħu, t'Ottubru tas-sena 2020, u huwa reġistrat taħt 70, Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, u dan ilu hekk, jiena mort lura s'April tas-sena 1990. Hemmhekk, f'dak ir-reġistru, kien reġistrat taħt "Sharay", Triq il-Ġejża, San Ġiljan, Swieqi. Imbagħad fir-reġistru t'Ottubru tas-sena 1990, Borg Raymond kien reġistrat taħt "Sharay" Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan. Minn dak iż-żmien prattikament baqa' l-istess, ħlief li fis-sena 2018, għandi kopja wkoll, żiedu n-numru u taw in-numru lill-bieb, in-numru 70 u llum għadu reġistrat taħt Triq il-Fraxxnu. ... Borg Christian, detentur tal-karta tal-identità numru 315493(M), l-ewwel darba illi kien reġistrat kien taħt "Sharay", Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan. L-unika ċaqliqa biss li kien hemm kien meta f'April tas-sena 2018 żidulhom in-numru biss. *Biex isostni dak minnu dikjarat, Savio Borg esebixxa dokumenti markati Dok. "SB1" sa Dok. "SB3" a fol. 67 sa 79 tal-proċess.*

*B'hekk kuntrarjament għal dak affermat mir-Rikorrent, li jiġi ribadit ġie minnu dikjarat taħt ġurament, il-fond 70, Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, fejn kienet indirizzata u fejn ġiet notifikata l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1093/2020, huwa l-fond fejn hu u anke missieru jinsabu reġistrati u ilhom hekk reġistrati sa minn April tal-2018 u kienu hekk reġistrati f'Ġunju 2020. Għaldaqstant ma huwiex affattu kredibbli li r-Rikorrent qatt ma sema' bl-imsemmi indirizz. Apparte minn hekk imkien ma jirriżulta li l-fond ta' missieru għandu l-bieb bin-numru 20.*

*Fiċ-ċirkostanzi, fejn ir-Rikorrent evidentement ma qalx is-sewwa taħt ġurament, il-Qorti tħoss li dan id-Digriet għandu jiġi komunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ir-Rikorrent Christian Borg, detentur tal-Karta tal-Identità bin-Numru 315496(M), jiġi investigat għal sperġur fi proċeduri ċivili ai termini tal-Artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Ir-Rikorrent jargumenta wkoll li l-Maltapost ma kellha l-ebda dritt, hi x'inhi r-raġuni, li permezz ta' Press Release tvarja l-ħtiġijiet tal-Liġi għall-finijiet ta' notifika valida ta' atti ġudizzjarji u tippermetti li jitqassmu atti ġudizzjarji mingħajr ma jkun hemm il-firma relattiva tad-destinatarju, jew tal-anqas tal-persuna li tirċievi l-konsenja ta' dak l-att ġudizzjarju. Konsegwentement għalhekk, jikkontendi, notifika magħmula ai termini tal-Press Release tal-Maltapost ma tistax titqies bħala notifika valida ai termini tal-Liġi.*

*A tenur tar-Regolament 3 (1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12* in-notifika ta' atti ġudizzjarji għandha, kemm-il darba xi qorti ma tordnax xort'oħra, issir bl-posta reġistrata, u għandha ssir applikazzjoni għal avviż ta' konsenja meta tiġi impustata. *Ai termini tal-Artikolu 187(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta,* bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 193, in-notifiki jistgħu wkoll isiru minn uffiċjali tal-Posta b'dak il-mod u skont dawk ir-regoli li jkunu konformi mar-regolamenti postali skont kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' jordna b'avviż fil-Gazzetta: Iżda r-rikorsi tal-appell u r-rikorsi ġuramentati li jsiru bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, għandhom jiġu notifikati mill-uffiċjali eżekuttivi tal-qrati.

*Ai termini tal-Artikolu 2 tal-Att dwar is-Servizzi Postali, Kap. 254 tal-Liġijiet ta' Malta,* "oġġett reġistrat" tfisser servizz li jkun jipprovdi garanzija bi ħlas wieħed kontra riskji ta' telf, serq jew ħsara u li jkun jipprovdi lill-mittent, meta jkun hemm adatt fuq talba li jagħmel, bi prova li l-oġġett postali jkun wasal u, jew tqassam lill-persuna indirizzata. *Ir-Regolament 33 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 254.01 jipprovdi li* mal-kunsinna ta' oġġett postali reġistrat, l-indirizzat, ir-rappreżentant tiegħu, jew membru tal-familja tiegħu għandu, sakemm ma jingħatawx istruzzjonijiet kuntrarji lill-provditur ta' servizz universali involut mill-indirizzat, jagħti riċevuta tiegħu bil-miktub lill-provditur ta' servizz universali: Iżda meta dik ir-riċevuta ma tingħatax, l-oġġett postali għandu jitqies li ma jkunx ġie kunsinnat: Iżda wkoll dan ir-regolament hu bla preġudizzju għal kull liġi oħra li tirregola l-għoti ta' riċevuti għal oġġett postali reġistrat.

*Minn qari ta' dawn il-provvedimenti u b'mod partikolari tar-Regolament 33 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 254.01, jirriżulta li t-tqassim ta' oġġett bil-posta reġistrata jirrikjedi li l-indirizzat jew rappreżentant tiegħu jew membru tal-familja tiegħu jagħti riċevuta tal-konsenja ta' tali oġġett u fin-nuqqas ta' riċevuta jitqies li l-istess oġġett ma jkunx tqassam. Il-prassi hi li tali riċevuta da parte tal-indirizzat jew rappreżentant tiegħu jew membru tal-familja tiegħu, tingħata permezz tad-dettalji tiegħu, ossia l-isem u l-kunjom u n-numru tal-Karta tal-Identità, u l-firma fuq l-Avviż ta' Tqassim, komunement magħruf bħala* l-pink card*. Ma għandux ikun hemm dubju li l-firma ta' min jirċievi l-oġġett imqassam bil-posta reġistrata hija l-iktar prova ċara li fil-fatt dak l-oġġett ikun ġie kkonsenjat/notifika* ***iżda*** *l-Qorti hija tal-fehma li n-nuqqas ta' dik il-firma ma għandux iwassal b'mod awtomatiku għall-konsiderazzjoni li l-konsenja ma saritx jew li n-notifika li saret ma tkunx waħda valida ai termini tal-Liġi meta jkun hemm provi oħra li juru bl-iktar mod ċar li fil-fatt il-konsenja tkun saret, u dana ai termini tal-Artikolu 187 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (fil-każ in eżami ai termini tas-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu tal-Liġi) iktar u iktar meta n-nuqqas ta' dik il-firma, iżda mhux ukoll tad-dettalji l-oħra rikjesti għall-fini ta' riċevuta, jkun dettat*

*minn ċirkostanzi straordinarji bħal ma huma dawk li kienet għaddejja minnhom Malta (u mhux biss) tul is-sena 2020, meta addirittura l-pajjiż kien fi stat ta' emerġenza tas-saħħa pubblika mis-7 ta' Marzu, 2020 sat-30 ta' Ġunju, 2020 (fn. 7 Avviż Legali 115 tal-2020 u Avviż Legali 243/2020), f'liema żmien l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni tqassmet.*

*Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Elmo Insurance Services Limited noe v. Carmel sive Charles Mangion, Appell Ċivili 4047/97*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar, 2005, fejn dik il-Qorti kienet aċċettat li notifika ta' att ġudizzjarju kienet valida (u b'hekk suffiċjenti għall-ksur tat-terminu ta' preskrizzjoni għall-finijiet ta' dawk il-proċeduri) minkejja li kien hemm żball evidenti fid-data tal-konsenja ta' dik l-ittra uffiċjali. Fir-rigward fil-fatt osservat illi:* ma jkunx xieraq u lanqas jikkostitwixxi sens ta' ġustizzja jekk għall-evidenti lapsus calami tat-terz inkarigat min-notifika ta' att ġudizzjarju ibati l-kreditur jew kull pretendent tad-dritt. Kull prova hi ammissibbli jekk twassal għal konvinċiment u din il-Qorti hi sodisfatta illi, apparti l-iżball evidenti tal-indikazzjoni tad-data, il-fatt tan-notifika tal-att de quo jirriżulta aliunde minn provi oħra.

*Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet* ***Maltacom p.l.c. v. Emanuel Vella, Ċitaz. Nru. 199/98*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001, fejn dik il-Qorti, fir-rigward ta' aggravju sollevat dwar in-nuqqas ta' validità legali ta' notifika minħabba diversi nuqqasijiet li kien fiha l-*pink card, *fosthom id-dettalji u n-numru tal-Karta tal-Identità tal-persuna li jidher li ffirmat għall-att ġudizzjarju in kwistjoni, li f'dak il-każ anke wasslu għal riferta allegatament mhux korretta u valida għall-finijiet ta' notifika, osservat illi sottomissjoni tal-appellant fir-rigward kienet skorretta stante li* l-validità effettiva tan-notifika kienet tiddependi biss minn jekk ikunux ġew osservati d-dettam tal-artikolu 187 u artikoli oħra relatati li jistabilixxi kif kellhom isiru n-notifiki. *Il-Qorti espressament iddikjarat li din l-osservazzjoni li saret fir-rigward tar-riferta u tal-uffiċjal tal-Qorti inkarigat mill-istess, tapplika bl-istess mod għall-*pink card *u l-uffiċjal tal-Posta inkarigat mill-istess:* il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fir-rigward ta' defiċjenzi fir-riferta tal-uffiċjal inkarigat min-notifika, meta din jagħmilha personalment, fuq espressi, japplikaw mutatis mutandis fil-każ ta' difetti fil-pink card tal-uffiċjal tal-posta. Dana fis-sens illi d-defiċjenzi fil-mod li tkun mimlija l-pink card mill-uffiċjali tal-posta mhux neċessarjament kellhom iwasslu għall-irritwalità tan-notifika.

*Għalkemm iċ-ċirkostanzi fil-proċeduri li għalihom jirreferu s-sentenzi appena ċitati kienu differenti miċ-ċirkostanzi fil-każ in eżami u għalkemm in-nuqqas f'dan il-każ huwa tal-firma ta' min irċieva n-notifika tal-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1093/2020 in kwantu ngħataw biss id-dettalji, ossia l-isem u l-kunjom u l-Karta tal-identità, tal-persuna li laqgħet in-notifika tal-ittra, il-Qorti temmen li l-prinċipji hemm enunċjati*

*jsibu applikazzjoni biss fil-każ in eżami. In effetti l-Qorti tqis li ma jkunx xieraq u lanqas jikkostitwixxi sens ta' ġustizzja jekk minħabba deċiżjoni tal-Maltapost, ossia tat-terz inkarigat min-notifika ta' att ġudizzjarju, li ttieħdet fi żmien ta' emerġenza tas-saħħa pubblika, ibati l-kreditur jew kull pretendent tad-dritt. Konsegwentement tqis li jekk minkejja n-nuqqas tal-firma ta' Raymond Borg fuq il-*pink card *hemm provi oħra li juru biċ-ċar li l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1093/2020 tqassmet u ġiet notifikata ai termini tal-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, allura dik in-notifika għandha titqies bħala valida u li saret validament ai termini tal-Liġi.*

*L-artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:* in-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. **In-notifika tista' wkoll issir billi dik il-kopja titħalla fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzatta minnha biex tirċievi l-posta tagħha** *(fn. 8 enfasi tal-Qorti).* Jekk in-notifika ma ssirx fl-ewwel tentattiv, l-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jagħmel żewġ tentattivi oħra biex jinnotifika l-kopja tal-iskrittura mingħajr ebda awtorizzazzjonijiet oħra mill-qorti u dawn it-tentattivi għandhom isiru f'ħinijiet differenti tal-ġurnata bl-aħħar tentattiv ta' notifika jsir wara l-ħinijiet ġudizzjarji. Kull tentattiv ta' notifika għandu jsir wara li jitħallas id-dritt xieraq dovut lir-reġistru. L-uffiċjal inkarigat min-notifika għandu jirreġistra ċertifikat separat ta' notifika fl-atti ġudizzjarji għal kull tentattiv li jkun sar: Iżda, il-kopja ma tistax titħallas f'idejn persuni ta' età anqas minn erbatax-il sena, jew f'idejn persuna li, fil-ħin tan-notifika għandha diżordni mentali jew kondizzjoni oħra, li tagħmilha inkapaċi li tagħti xhieda ta' dik in-notifika. Persuna titqies li hija kapaċi li tagħti dik ix-xhieda, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju; u n-notifika ma tistax tiġi attakkata bħala irregolari, għal waħda minn dawk ir-raġunijiet, jekk jinsab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata: Iżda wkoll meta persuna li lilha tkun indirizzata skrittura tirrifjuta li tirċeviha personalment mingħand uffiċjal eżekuttiv tal-qrati, il-Qorti tista' fuq rikors tal-parti interessata u wara li tisma' lill-uffiċjal eżekuttiv tal-qrati u tikkonsidra ċ-ċirkostanzi kollha tal-inċident, tiddikjara b'digriet li n-notifika tkun saret lil dik il-persuna fil-jum u l-ħin tar-rifjut u tali digriet għandu jitqies bħala prova tan-notifika għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

*Kif ġia iktar 'il fuq osservat, l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1093/2020 maħruġa mis-soċjetà intimata fil-konfront tar-Rikorrent, kienet indirizzata fil-fond 70 Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, li huwa l-indirizz li fuqu tinsab reġistrata l-Karta tal-identità tar-Rikorrent. Fuq dan l-indirizz hemm reġistrata wkoll il-Karta tal-Identità ta' missier ir-*

*rikorrent, ossia ta' Raymond Borg, li mill-*pink card *annessa mal-Ittra Uffiċjali jidhru d-dettalji tiegħu, ossia ismu u kunjomu u l-Kartta tal-Identità, bħala l-persuna li laqgħet in-notifika tal-imsemmija Ittra Uffiċjali.*

*Apparte dak li jirriżulta mill-*pink card *imsemmija, Laura Bugelli (fn. 9 xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-1 ta' Marzu, 2020, fol. 44 u 45 tal-proċess), il-pustiera li qassmet l-Ittra in kwistjoni xehdet illi:* fiż-żmien illi konna nqassmu l-posta dak iż-żmien kellna wkoll minn ta' fuqna biex minħabba l-pandemija niktbu l-isem u l-kunjom u l-ID card number tiegħu u għandi hawnhekk il-provi kollha. ... Niffirmaw aħna u niktbu l-isem u l-kunjom u l-ID card number tiegħu bis-social distancing u kollox jiġifieri. *Fuq domanda tal-Qorti, Laura Bugelli fil-fatt ikkonfermat li l-Ittra Uffiċjali in kwistjoni kienet qassmitha hi u fuq domanda ulterjuri tal-Qorti* jiġifieri tikkonferma illi l-isem li inti indikat fuq il-pink card huwa l-isem tal-persuna? Kien hu stess li tahomlok id-dettalji? *Wieġbet* dak l-address 70, "Sharay", Triq il-Fraxxnu, jekk mhux sejra żball jiġi l-address t'hemmhekk, jiġifieri jiena tajtu as addressed kif aħna nagħmlu u jiena tajtha lill-persuna li kien hemm f'dak l-address u ktibt l-isem u l-kunjom lil min tajtu. *Fuq domanda ulterjuri tal-Qorti* u d-dettalji tiegħu jiġifieri isem u kunjom u ID card number tahomlok hu? *Laura Bugelli wieġbet* iva ta' dik il-persuna.

*Dak dikjarat minn Laura Bugelli u ċioe li l-Ittra indirizzata lil Christian Borg eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Gold Car Rentals li kellha titqassam fil-fond 70, Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, u li fil-fatt tqassmet fis-17 ta' Ġunju, 2020, tħalliet fl-imsemmi indirizz f'idejn Raymond Borg, detentur tal-Karta tal-Identità bin-Numru 200051(M), li taha d-dettaji tiegħu, inkluż in-numru tal-Karta tal-Identità tiegħu, u dak li jirriżulta mill-*pink card *relattiva għall-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1093/2020, mhux talli ġie kkonfermat mid-dokumenti esebiti mill-istess Laura Bugelli bħala Dok. "LB" a fol. 37 sa 41 tal-proċess, talli ma ġie bl-ebda mod sodisfaċentement kontradett u/jew imxejjen mir-Rikorrent. Anzi, mix-xhieda tar-Rikorrent (fn. 10 xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar, 2021, fol. 23 sa 29 tal-proċess), jirriżulta li bħala fatt missieru Raymond Borg huwa awtorizzat li jirċievi korrispondenza li tkun indirizzata lilu, ossia lir-Rikorrent.*

*Il-Qorti hawn tosserva li għalkemm ir-Rikorrent ippreżenta affidavit ta' missieru Raymond Borg, dan l-affidavit ġie sfilzat b'Digriet datat 4 ta' Mejju, 2021 (fn. 11 fol. 58 u 59 tal-proċess) in kwantu minkejja li debitament notifikat biex jidher għas-seduta tal-4 ta' Mejju, 2021 (fn. 12 fol. 51 sa 54 tal-proċess) għall-fini li jsirlu l-kontro-eżami, dan Raymond Borg naqas milli jidher u ma ngħatat l-ebda ġustifikazzjoni għall-assenza tiegħu. Konsegwentement bl-imsemmi Digriet il-Qorti osservat li* għalkemm qed jiġi allegat li Raymond Borg ma huwiex qed jattendi minħabba raġunijiet ta' saħħa, il-Qorti tosserva illi ma tressaq l-ebda ċertifikat mediku li juri b'mod ċar li dan

Raymond Borg ma jistax jattendi l-Qorti u bid-dovut rispett is-sitwazzjoni tal-imxija tal-Covid-19 tinsab kemmxejn iktar stabbli tant illi l-Qrati reġgħu fetħu u qed jinstemgħu l-kawżi kollha, u allura l-Qorti ma ssib ġustifikazzjoni tan-nuqqas tas-Sur Borg li jidher sabiex isirlu l-kontro-eżami. Il-minuta li s-Sur Raymond Borg għamel affidavit, huwa kien qed jissottoponi ruħhu għall-kontro-eżami u ma jistax jevita li dan isirlu bl-iskuża li f'dawn iż-żminijiet mhux qed joħroġ mid-dar *u għaddiet biex tordna l-isfilz tal-imsemmi affidavit.*

*Minn dan kollu iktar 'il fuq osservat jirriżulta għalhekk li minkejja n-nuqqas tal-firma ta' Raymond Borg fuq il-*pink card *relattiva għall-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1093/2020, bħala fatt fis-17 ta' Ġunju, 2020 seħħet in-notifika valida tal-istess imsemmija Ittra Uffiċjali ai termini tal-Artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi din ġiet ikkonsenjata fil-fond 70, Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, f'idejn Raymond Borg, missier ir-Rikorrent u persuna minnu awtorizzata biex tirċievi korrispondenza tiegħu, li d-dettalji tiegħu, ossia ismu u kunjomu u n-numru tal-Karta tal-Identità, jidhru fuq il-*pink card *relattiva. Fid-dawl ta' dan għalhekk ma hemmx lok li t-titolu eżekuttiv ottenut mis-soċjetà intimata fil-konfront tar-Rikorrent bis-saħħa tal-Ittra Uffiċjali bin-Numru 1093/2020 jiġi rexiss ai termini tal-Artikolu 166A (5) (i) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad it-talbiet avvanzati mir-Rikorrent bir-Rikors ippreżentat fit-22 ta' Diċembru, 2020 u minflok tikkonferma t-titolu eżekuttiv ottenut mis-soċjetà intimata fil-konfront tiegħu bis-saħħa tal-Ittra Uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-Numru 1093/2020 u tikkonferma l-atti eżekuttivi maħruġa mis-soċjetà intimata in bażi għal tali titolu eżekuttiv.*

*L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati mir-Rikorrent.*

*Il-Qorti tordna li dan id-Digriet jiġi komunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ir-Rikorrent Christian Borg, detentur tal-Karta tal-identità bin-Numru 315493(M), jiġi investigat għal sperġur fi proċeduri ċivili ai termini tal-artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta."*

## <u>L-Appell</u>

9. L-appellant ressaq l-appell tiegħu minn din id-deċiżjoni fit-28 ta' Ġunju, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tilqa' dan l-appell, konsegwentement, fl-ewwel lok, tirrevoka, tħassar u tannulla d-digriet illi tat l-Ewwel Qorti fl-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2021 li bih ġie ordnat l-isfilz tal-affidavit ta' Raymond Borg u fit-tieni lok u f'kull każ tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni appellata u kwindi filwaqt illi tiċħad ir-risposta ta' Lotus Green, tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors tal-esponenti ta' nhar it-22 ta' Diċembru, 2020 u fit-tielet lok u f'kull każ tħassar, tirrevoka u tannulla dik il-parti tad-deċiżjoni appellata illi biha l-ewwel Qorti ordnat li tali deċiżjoni tiġi komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex l-esponenti jiġi investigat għal sperġur fi proċeduri ċivili ai termini tal-artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi."*

10. L-appellant spjega li huwa ħass ruħhu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti għal erba' raġunijiet ewlenin. Qal li fil-fehma tiegħu (i) l-Ewwel Qorti żbaljat fid-deċiżjoni tagħha dwar il-punt legali li fuqu ġie bbażat ir-rikors tiegħu u l-pożizzjoni tiegħu li ma kinitx saret notifika valida tal-ittra uffiċjali bin-numru 1093/2020; (ii) li l-Ewwel Qorti kienet fattwalment żbaljata meta qalet li l-appellant kien irċieva l-ittra uffiċjali numru 1093/2020; (iii) li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ordnat l-isfilz tal-affidavit ta' Raymond Borg; (iv) kif ukoll li l-Ewwel Qorti żbaljat meta ħaditha qatta' bla ħabel kontra l-appellant, u iddikjarat li huwa ma qalx is-sewwa bil-ġurament u ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestigah għar-reat ta' sperġur.

11. L-appellant qal li mhux ikkontestat li notifika ta' ittra uffiċjali ppreżentata taħt l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta tista' ssir bil-posta reġistrata. L-appellant għamel riferiment għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.12 regolament numru 3(1), li jgħid li n-notifika ta' atti ġudizzjarji għandha ssir bil-posta reġistrata, u għandha ssir applikazzjoni għal avviż ta' konsenja meta tiġi impustata. L-appellant għamel riferiment ukoll għar-regolament 33 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 254.01, li jgħid li mal-kunsinna ta' oġġett postali

reġistrat, l-indirizzat, ir-rappreżentant tiegħu, jew membru tal-familja tiegħu, għandu jagħti irċevuta tiegħu bil-miktub lill-fornitur tas-servizz universali, u meta dik l-iriċevuta ma tingħatax, l-oġġett jitqies li ma ġiex ikkunsinnat. L-appellant qal li l-liġi hija tassattiva u tuża l-kelma "għandu", u għalhekk jeżisti obbligu illi l-persuna li lilha tkun indirizzata l-posta reġistrata, ir-rappreżentant jew membru tal-familja tagħha, jagħti irċevuta bil-miktub b'mod tassattiv. Meta tali irċevuta ma tingħatax, l-oġġett jitqies li ma twassalx lid-destinatarju.

12. L-appellant qal li l-firma fuq il-*pink card* mhijiex sempliċi prassi, iżda hija tassattiva, u din hija liġi proċedurali ta' ordni pubbliku, u għalhekk ma tistax tiġi varjata jew interpretata, iżda għandha tiġi segwita *ad unguem.* Qal ukoll li irċevuta ma tkun irċevuta xejn jekk ma tiġix iffirmata mill-persuna li tkun qiegħda tirċievi, ir-rappreżentant jew il-membru tal-familja tagħha, kif titlob il-liġi. Kompla jgħid li huwa żgur li ma ta l-ebda eżenzjoni, stante li lanqas ma saret allegazzjoni li l-appellant imqar iltaqa' mal-pustiera jew li kien preżenti meta saret il-kunsinna. Qal ukoll li din hija kwistjoni ta' liġi u mhux ta' prova kif qalet l-Ewwel Qorti, stante li notifika trid issir skont il-liġi proċedurali. Qal ukoll li l-artikolu 187(8) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li n-notifiki li jsiru minn uffiċjal tal-Posta għandhom isiru b'dak il-mod u skont dawk ir-regoli li jkunu konformi mar-regolamenti postali. L-appellant qal li l-ebda *press release* maħruġa mill-kumpannija Maltapost p.l.c. ma tista' tbiddel il-liġi in kwistjoni, partikolarment meta si tratta ta' liġi proċedurali u għalhekk ta' ordni pubbliku, dwar in-notifika ta' atti ġudizzjarji u mhux dwar posta normali. Barra minn hekk il-*press release* esebita ma tgħid xejn dwar in-notifika ta' atti ġudizzjarji.

13. L-appellant qal ukoll li hemm diversi deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jgħidu li fl-ambitu tal-istitut tal-kontumaċja, isaltan il-prinċipju tal-*audi alteram partem.* Qal ukoll li dan mhux każ fejn huwa ser jispiċċa kontumaċi, iżda każ fejn huwa ser jispiċċa b'titolu eżekuttiv kontra tiegħu mingħajr ma huwa ngħata dritt ta' difiża, u għalhekk aktar għandu japplika l-prinċipju tal-*audi alteram partem* u ta' smigħ xieraq. L-appellant qal ukoll li l-Ewwel Qorti kellha tapplika dak li jiddisponi l-artikolu 187(8) tal-Kap. 12 u mhux is-subartikolu (1), għaliex huwa dan is-subinċiż li jagħmel riferiment għan-notifiki bil-mezz tal-posta reġistrata.

14. B'żieda ma' dan, l-appellant qal li hemm ċirkostanzi fattwali li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra. Spjega li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li huwa rċieva l-ittra uffiċjali bin-numru 1093/2020, u qal li x-xhieda tal-pustiera Laura Bugelli ma kellhiex titqies bħala prova konklussiva li l-posta reġistrata ngħatat lil missieru Raymond Borg. Qal li d-domandi lill-pustiera saru mill-Ewwel Qorti, u fil-parti l-kbira tagħhom dawn kienu domandi diretti maħsuba biex jiġu mwieġba fl-affermattiv, meta dawn id-domandi setgħu saru mir-rappreżentant legali tas-soċjetà appellata. Qal li minkejja dawn id-domandi diretti, ix-xhud fl-ebda waqt ma qalet li hija tat l-ittra lil Raymond Borg, u qalet biss li hija tat l-ittra lil persuna li sabet f'dak l-indirizz mingħajr ma identifikatu b'ismu jew b'xi mod ieħor. Qal li għalhekk din ix-xhieda kellha titqies li hija inkonklussiva.

15. Fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant qal li l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll meta ordnat l-isfilz tax-xhieda ta' Raymond Borg. L-appellant qal li huwa ppreżenta l-*affidavit* ta' missieru, u dan fi żmien meta l-Qrati ngħataw struzzjonijiet biex jisimgħu biss l-aktar kawżi urġenti minħabba l-pandemija. Qal li din ma kinitx

tikkwalifika bħala kawża urġenti, u huwa ma talabx li din titqies bħala kawża urġenti, minkejja l-mandati ta' sekwestru fil-konfront tiegħu. Żied jgħid li missieru għandu l-età tiegħu, u dak iż-żmien id-direzzjoni li ngħata mill-awtoritajiet tas-saħħa kienet li ma joħroġx mid-dar, u dan il-fatt ġie rikonoxxut ukoll mill-Ewwel Qorti. Qal li meta Lotus Green inġunġiet lil missieru sabiex jixhed in kontro-eżami, dan naqas milli jattendi għaliex ma setax joħroġ mid-dar, u kien għalhekk li s-soċjetà appellata talbet l-isfilz tax-xhieda tiegħu mill-proċess. L-appellant qal li huwa ma jaqbilx ma' din id-deċiżjoni li huwa jqis li hija waħda inġusta, u qal li jekk xhud inġunt ma jersaqx għall-kontro-eżami, il-Qorti m'għandhiex tawtorizza l-isfilz tax-xhieda tiegħu mill-proċess, għaliex ir-rimedju li tagħti l-liġi huwa li jinħareġ mandat ta' skorta fil-konfront tax-xhud. Qal ukoll li fiż-żmien tal-pandemija beda jintuża r-rimedju tas-smigħ virtwali.

16. Fir-raba' aggravju tiegħu, l-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex l-Ewwel Qorti żbaljat meta ddeċidiet li huwa ma xhedx is-sewwa bil-ġurament, u ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestigah għar-reat ta' sperġur. Qal li fil-fehma tiegħu waqt is-smigħ tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti, deher ċar li din il-Qorti lilu ħaditu fuq demm id-dars, u mexxiet il-proċeduri b'tali mod li huwa ħass li kienet ostili lejh. L-appellant qal li huwa ma xhedx il-falz, iżda l-kwistjoni kollha kienet dwar in-numru tal-bieb li żdied fi żmien riċenti, u li mill-karta tal-identità tiegħu ma jirriżultax. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti ma tistax tgħid li persuna xehdet il-falz meta dan mhux il-każ, ittellifha l-kawża, u wara titlob lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestigaha. Qal ukoll li biex xhieda titqies falza, il-falsità trid tkun dwar fatt materjali u determinanti għall-eżitu tal-kawża. Qal li anki f'każ li x-xhieda tiegħu ma kinitx minnha, din ma kinitx dwar fatt materjali

u determinanti għall-eżitu tal-kawża, tant hu hekk li hu ma kienx qiegħed jibbaża l-kontestazzjoni tal-ittra uffiċjali in kwistjoni fuq l-indirizz.

**Ir-Risposta tal-Appell**

17. Is-soċjetà appellata wieġbet li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hija waħda valida, ġusta, studjata, u li timmerita konferma. L-appellata għamlet riferiment għall-artikolu 187(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jispjega b'liema mod għandha ssir in-notifika ta' atti ġudizzjarji, u qalet li imkien f'dan l-artikolu ma tissemma l-ħtieġa ta' firma sabiex in-notifika titqies valida. Qalet li mill-provi prodotti jiriżulta li l-indirizz postali tal-appellant huwa 70, Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, kif jirriżulta mir-Reġistru Elettorali, u kif ikkonfermat mir-rappreżentant tal-Kummissjoni Elettorali. Qalet ukoll li kopja tal-att ġudizzjarju ġiet ikkonsenjata fl-indirizz postali msemmi, kif jirriżulta mill-*pink card* u mir-riferta tal-purtier. Qalet li f'dan ir-rigward il-pustiera Laura Bugelli kkonfermat b'mod ċar li hija tat id-dokument imsemmi lil Raymond Borg, li jiġi missier l-appellant, u bħala prova ta' dan talbitu n-numru tal-karta tal-identità li jirriżulta li huwa n-numru tal-karta tal-identità ta' missier l-appellant. Kompliet tgħid li kopja ta' tal-ittra tħalliet ma' missier l-appellant, u li l-uffiċjal inkarigat ħareġ iċ-ċertifikat tan-notifika valida tal-att ġudizzjarju. Qalet li għalhekk huwa ċar li n-notifika saret b'mod validu u li kopja tal-ittra uffiċjali ngħatat lill-membru tal-familja tal-appellant fl-indirizz tiegħu. Qalet li l-appellant għadu jinsisti fuq il-ħtieġa tal-firma bħallikieku din hija l-unika prova li turi li l-konsenja saret b'mod validu, meta fl-artikolu 187 tal-Kap. 12 imkien ma hija indikata l-ħtieġa tal-firma, u lanqas l-artikolu 33 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 254.01. L-unika ħaġa meħtieġa

hija l-irċevuta bil-miktub, u dan sar billi r-riċevitur, Raymond Borg, ta ismu, kunjomu u n-numru tal-karta tal-identità tiegħu sabiex dawn jitniżżlu fuq il-*pink card.* Qalet li dan jissodisfa bil-kbir ir-rekwiżit tal-irċevuta tad-dokument. Qalet li anki l-artikolu 187(8) tal-Kap. 12 jipprovdi għal ċirkostanzi fejn in-notifika tista' ssir biss mill-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti, u lanqas hawnhekk ma tissemma l-ebda ħtieġa ta' firma. L-appellata osservat ukoll li f'dan il-każ, il-konsenja tal-att ġudizzjarju saret f'Ġunju 2020, fi żmien meta Malta kienet għaddejja minn emerġenza tas-saħħa pubblika, u kien meħtieġ li tinżamm id-distanza soċjali u kuntatt mill-inqas bejn persuna u oħra. Qalet li din kienet ir-raġuni għalfejn ma kienx hemm firma, u mhux għaliex id-dokument ma kienx ikkonsenjat kif qiegħed jiġi allegat.

18. Is-soċjetà appellata qalet li t-tieni aggravju tal-appellant jagħmel allegazzjoni kompletament infondata li l-Ewwel Qorti kienet fattwalment żbaljata meta qalet li l-appellant irċieva l-ittra uffiċjali in kwistjoni. Qalet li jrid jingħad li kien l-appellant stess li ħarrek lil Laura Bugelli sabiex tixhed, iżda meta din kellha tixhed, la l-appellant u lanqas ir-rappreżentant tiegħu ma kienu preżenti, u għalhekk il-Qorti kienet kostretta tagħmel id-domandi hi lix-xhud. Qalet li x-xhud kienet disposta li tirrispondi għal kull domanda li saritilha u fil-fatt għamlet hekk b'mod veritier. Qalet din ix-xhud ikkonfermat li kien Raymond Borg li taha d-dettalji tiegħu meta għaddietlu l-kopja tal-att ġudizzjarju.

19. Is-soċjetà appellata żiedet tgħid li anki t-tielet aggravju huwa kompletament infondat, u dan għaliex id-direttiva mogħtija mill-Prim Imħallef dak iż-żmien kienet li kull Qorti kellha tiddeċiedi hi liema kawżi kellhom jinstemgħu u liema kellhom jiġu differiti. Qalet li ladarba l-appellant ma ressaqx

talba għal differiment, huwa stess kien qiegħed jikkonsidra li l-każ kellu jinstema'. Qalet li kien fl-interess tal-appellant li l-każ jibqa' jinstema'. L-appellata żiedet tgħid li l-każ odjern kien tali li fuqu kien jorbot jekk kellux jiġi revokat o meno l-mandat ta' sekwestru, u hu għalhekk li l-Qorti qieset li dan il-każ kellu jinstema'. Spjegat li Raymond Borg kellu jattendi għas-seduta tas-16 ta' Marzu, 2021 u dan m'attendiex, u l-appellant ma segwiex l-ordni tal-Ewwel Qorti sabiex jesebixxi d-dokumenti mitluba fiż-żmien mogħti lilu, u għal darb'oħra Raymond Borg reġa' ma deherx għas-seduta. Sussegwentement kemm Raymond Borg kif ukoll Christian Borg ġew notifikati sabiex jixhdu in kontro-eżami fl-4 ta' Mejju, 2021, iżda għal darb'oħra dawn naqsu milli jidhru mingħajr ma ngħatat raġuni valida għal dan in-nuqqas. L-appellata qalet li kien għalhekk li ntalab l-isfilz tal-affidavit ta' Raymond Borg, u dan wara tliet seduti maħsuba biex Raymond Borg jidher għall-kontro-eżami, xi ħaġa li dan naqas milli jagħmel. Qalet li l-appellant m'oġġezzjonax għall-isfilz u l-Ewwel Qorti kienet korretta tordna dan, ladarba x-xhud ma żammx mal-ordnijiet tagħha.

20. B'riferiment għar-raba' aggravju tal-appellant, l-appellata qalet li għalkemm dan l-aggravju ma jolqotx lis-soċjetà appellate, stante li l-investigazzjoni hija indipendenti mill-proċeduri odjerni, is-soċjetà appellata tħoss illi xorta waħda għandha tindirizza dan l-aggravju fil-kuntest tal-kredibbilità tal-appellant fil-kawża ċivili in kwistjoni. Is-soċjetà appellata qalet li l-qofol tal-każ odjern huwa li l-appellant insista li huwa qatt ma kien sema' bl-indirizz 70, Sharay, Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, iżda ftit wara xehed li l-indirizz tiegħu huwa 'Sharay', Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan. Qalet li fl-istess kawża ġew ippreżentati kopji tal-karti tal-identità tal-appellant u ta' missieru, li jindikaw b'mod ċar li l-indirizz fuq il-karta tal-identità ta' Raymond Borg huwa 70,

'Sharay', Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, u dak ta' Christian Borg huwa 'Sharay', Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan. Is-soċjetà appellata qalet li Savio Borg xehed li n-numru 70 żdied mal-indirizz tal-appellant f'April tal-2018. Is-soċjetà appellata qalet li apparti l-fatt li meta fond jingħata numru uffiċjali, l-individwu għandu l-obbligu legali li jindika dan in-numru uffiċjali fuq id-dokumenti uffiċjali tiegħu, m'huwa xejn kredibbli l-appellant meta jixhed bil-ġurament li huwa qatt ma kien sema' b'dan l-indirizz, meta dan huwa l-indirizz korrett tiegħu u ta' missieru. Is-soċjetà appellata qalet li huwa f'dan il-kuntest li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li x-xhieda tal-appellant mhijiex kredibbli u m'għandhiex tiġi emmnuta. Qalet ukoll li huwa inġust li l-appellant jipprova jagħti l-impressjoni li huwa ma kienx ingħata smigħ xieraq, meta fil-fatt huwa ngħata l-opportunitajiet kollha li seta' jingħata skont il-liġi. Qalet li l-isfilz tal-*affidavit* ta' missier l-appellant ġie ordnat wara li kienu saru diversi seduti fejn ix-xhud Raymond Borg kellu jitla' jixhed in kontro-eżami, u dan naqas milli jidher mingħajr raġuni valida. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li hija ma tistax taqbel mal-allegazzjoni li x-xhieda tal-appellant dwar l-indirizz, ma kinitx dwar fatt materjali u determinanti għall-eżitu tal-kawża, għaliex il-pern tal-kwistjoni bejn il-partijiet huwa li l-appellant allega li ma kienx irċieva l-att ġudizzjarju, u li l-indirizz fejn intbagħat l-att ġudizzjarju huwa ma kienx jaf bih.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

21. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mis-soċjetà appellata u tal-konsiderazzjonijiet magħmula fid-deċiżjoni appellata. L-appellant elenka erba' aggravji fejn jgħid li qiegħed iħossu aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, wara li din iddeċidiet li

huwa ġie notifikat bl-ittra uffiċjali mibgħuta lilu mis-soċjetà appellate, u li hu naqas milli jwieġeb għaliha, u għalhekk din saret tikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-konfront tiegħu. Permezz ta' dan l-appell, l-appellant qiegħed jitlob lill-Qorti tirrevoka, tħassar, u tannulla d-digriet tal-Ewwel Qorti tal-4 ta' Mejju, 2021, fejn ġie ordnat l-isfilz tal-*affidavit* ta' Raymond Borg, kif ukoll qiegħed jitlob ir-revoka tad-deċiżjoni li permezz tagħha r-rikors promutur tal-appellant ġie miċħud. L-appellant talab wkoll li din il-Qorti tirrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li ordnat li jiġi investigat minħabba sperġur.

*L-ewwel aggravju:* *[żball legali dwar jekk l-appellant ġiex notifikat kif suppost]*

22. B'dan l-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant qiegħed isostni li l-Ewwel Qorti kienet legalment żbaljata meta ddeċidiet li l-ittra uffiċjali bin-numru 193/2020 kienet ġiet notifikata kif suppost, u dan għaliex minkejja li notifika ta' ittra uffiċjali tista' ssir bil-posta reġistrata, kif jirriżulta li ġara f'dan il-każ, skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 254.01, sabiex il-kunsinna titqies li saret kif suppost, trid tingħata rċevuta bil-miktub mid-destinatarju lil min iwassal l-oġġett postali. L-appellant isostni li l-firma mhijiex biss prassi, iżda hija parti mil-liġi proċedurali li hija ta' ordni pubbliku, u għalhekk għandha tiġi osservata *ad unguem.* Qal ukoll li din hija kwistjoni ta' liġi u mhux ta' fatt. L-appellant żied jgħid li l-*press release* maħruġa mill-Maltapost ma kellhiex titqies li ssostitwiet il-liġi proċedurali, u bid-deċiżjoni appellata ġie deċiż li hemm titolu eżekuttiv fil-konfront tiegħu, mingħajr ma huwa ngħata dritt li jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu.

23. Il-Qorti tqis li n-notifika tal-ittra uffiċjali in kwistjoni saret f'Ġunju tal-2020, meta kif inhu magħruf sew, id-dinja kollha kienet qiegħda tikkumbatti l-pandemija tal-Covid-19. Dan kien ukoll żmien fejn kellhom jittieħdu passi bla preċedent sabiex titnaqqas il-firxa tal-*virus.* Kien għalhekk li l-kumpannija Maltapost plc tat struzzjonijiet lill-ħaddiema postali u għarrfet lill-pubbliku anki bi stqarrija għall-istampa, li meta jitwassal oġġett bil-posta reġistrata, il-firma tad-destinatarju ma kinitx meħtieġa fuq il-*pink card*, iżda kien biżżejjed li min iwassal l-ittra reġistrata jitlob l-isem u l-kunjom tal-persuna li tirċievi l-ittra, kif ukoll in-numru tal-karta tal-identità tagħha, bħala prova li l-ittra reġistrata tkun tqassmet. L-appellant qiegħed jikkontendi li d-dettalji ta' missieru li nkitbu mill-pustiera fuq il-*pink card* meta din marret twassal il-posta reġistrata fl-indirizz tar-residenza ta' missier l-appellant, ma kellhomx jitqiesu bħala irċevuta li l-liġi tesiġi li trid tinħareġ minn min jirċievi l-posta reġistrata.

24. Il-Qorti tqis li l-pustiera setgħet iġġib id-dettalji ta' missier l-appellant mingħandu biss, u li din ma kellha l-ebda mod ieħor kif setgħet tikseb in-numru tal-karta tal-identità ta' Raymond Borg li tniżżel fuq il-*pink card,* li juri li l-kunsinna tal-ittra reġistrata saret kif suppost. Din il-Qorti tqis li kienet korretta l-Ewwel Qorti meta ddeċidiet li l-iriċevuta li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 254.01 titkellem dwarha, kienet ingħatat meta fuq il-*pink card* tniżżlu d-dettalji tal-persuna li rċeviet l-ittra reġistrata, u n-numru tal-karta tal-identità tiegħu. Din il-prova kienet sorretta wkoll minn dak li xehdet il-pustiera Laura Bugelli, li qalet li kienet hi li kkonsenjat l-ittra u li kitbet id-dettalji ta' missier l-appellant fuq il-*pink card.* Din il-Qorti għalhekk taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti meta ddeċidiet li l-ittra uffiċjali in kwistjoni kienet ġiet notifikata kif suppost. Għaldaqstant tqis li dan l-ewwel aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[L-Ewwel Qorti żbaljat meta stabbiliet li huwa kien ġie notifikat bl-ittra uffiċjali]*

25. L-appellant qal li x-xhieda tal-pustiera Laura Bugelli ma kellhiex titqies bħala prova konklussiva li l-ittra uffiċjali in kwistjoni ngħatat lil missieru, partikolarment meta jirriżulta li din ix-xhieda nkisbet wara li lix-xhud sarulha għadd ta’ domandi diretti mill-Qorti. Jirriżulta li kien l-appellant stess li ħarrek lil Laura Bugelli sabiex tixhed f’dawn il-proċeduri, imma l-avukat difensur tal-appellant naqas milli jidher sabiex jagħmel id-domandi lix-xhud tiegħu. Kien għalhekk li l-Ewwel Qorti għamlet hi għadd ta’ domandi sabiex setgħet tislet l-informazzjoni meħtieġa mix-xhud.

26. Il-Qorti tqis li dak li xehdet Laura Bugelli għandu jitqies bħala l-prova reġina li l-ittra uffiċjali in kwistjoni ġiet notifikata billi tħalliet ma’ missier l-appellant, kif jirriżulta li kien jiġri fir-rigward tal-ittri reġistrati l-oħra kollha li kienu jkunu indirizzati lill-appellant. Ix-xhud għarfet il-kitba tagħha fuq il-*pink card* u kkonfermat li kienet hi li kitbet id-dettalji ta’ missier l-appellant meta din wasslitlu l-ittra uffiċjali. L-appellant ma jistax jippretendi li wara li kien hu li fetaħ dawn il-proċeduri, ħarrek xhud, u wara li hu u l-avukat difensur tiegħu naqsu milli jidhru quddiem il-Qorti sabiex jagħmlu d-domandi tagħhom, ma jsir xejn min-naħa tal-Qorti. Din il-Qorti tqis ukoll li d-domandi li saru mill-Ewwel Qorti kienu maħsuba biss biex issir magħrufa l-verità kollha, partikolarment wara li l-Qorti kienet allokat il-ħin għas-smigħ tax-xhud Laura Bugelli u l-appellant u l-avukat difensur tiegħu ma dehrux quddiemha. Ċertament li l-Ewwel Qorti m’għamlet xejn ħażin meta qieset ix-xhieda indikata mill-appellant stess fil-

konsiderazzjonijiet tagħha, u għalhekk tqis li anki dan it-tieni aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet Aggravju:* *[l-isfilz tal-affidavit ta' Raymond Borg]*

27. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex l-Ewwel Qorti ordnat l-isfilz tal-*affidavit* ta' missieru, wara li dan naqas milli jidher quddiemha sabiex isirlu l-kontro-eżami. Spjega li missieru naqas milli jidher quddiem il-Qorti għaliex huwa persuna vulnerabbli, li fi żmien il-Covid-19 ingħata parir ma joħroġx mid-dar għaliex dan seta' jkun ta' periklu għal saħħtu. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti kellha l-għażla li tisma' lil missieru b'mod virtwali, jew inkella li tordna li dan jidher quddiemha wara li jinħareġ mandat ta' skorta fil-konfront tiegħu, iżda li l-Ewwel Qorti dan m'għamlitux.

28. Din il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti allokat tliet seduti għall-kontro-eżami ta' missier l-appellant, u wara li dan naqas milli jidher għal kull waħda minn dawn is-seduti, l-Ewwel Qorti ordnat l-isfilz tal-affidavit tiegħu mill-proċess. L-ewwel darba li missier l-appellant kellu jidher quddiem l-Ewwel Qorti sabiex isirlu l-kontro-eżami kien għas-seduta tas-16 ta' Marzu, 2021. Dakinhar huwa naqas milli jidher, u għalhekk l-Ewwel Qorti ordnat li kemm l-appellant kif ukoll missieru jippreżentaw vera kopja tal-karta tal-identità tagħhom. Fit-12 ta' April, 2021, l-Ewwel Qorti osservat li minkejja li l-appellant ingħata l-possibilità li missieru ma jitlgħax jixhed, din il-possibilità hu ma sfruttahiex u saħansitra injora l-ordni tal-Qorti, b'dan illi l-preżenza ta' missieru quddiem il-Qorti ma setgħetx tiġi evitata aktar. Waqt l-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2021, l-Ewwel Qorti għal darb'oħra osservat li missier l-appellant naqas milli jidher quddiemha, u

dan fi żmien meta ħafna mir-restrizzjonijiet li kienu fis-seħħ sabiex jittrażżan it-tixrid tal-Covid-19, kienu qegħdin jitneħħew, għaliex is-sitwazzjoni fil-pajjiż kienet aktar stabbli. L-Ewwel Qorti osservat ukoll li missier l-appellant naqas milli jippreżenta ċertifikat mediku sabiex jispjega għal liema raġuni huwa ma kienx qiegħed joħroġ mid-dar, u kien f'dan il-kuntest li l-Ewwel Qorti ordnat l-isfilz tal-*affidavit* ta' missier l-appellant mill-atti tal-kawża. Il-Qorti tirrileva li huwa inawdit li parti fil-proċeduri tiddetta b'liema mod għandhom jitmexxew il-proċeduri legali li hija tkun istitwiet, partikolarment meta din tingħata ċans tirregola ruħha, u tibqa' ripetutament tinjora l-ordnijiet leġittimi tal-Qorti. Għalhekk tqis li t-tielet aggravju tal-appellant mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju:* *[l-investigazzjoni ordnata mill-Ewwel Qorti dwar sperġur]*

29. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat ukoll għaliex fil-fehma tiegħu l-Ewwel Qorti kienet ostili fil-konfront tiegħu, tant hu hekk li finalment ordnat li huwa jiġi investigat mill-Kummissarju tal-Pulizija dwar sperġur. Qal li dan ma kellux ikun għaliex il-mertu tal-proċeduri ma kienx il-fatt materjali jekk l-indirizz fejn kellha ssir in-notifika kienx 70, 'Sharay', Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan, imma jekk ingħatatx irċevuta valida skont il-liġi wara li saret il-konsenja tal-ittra uffiċjali. Qal li l-fatt li huwa qal li l-indirizz moqri lilu qatt ma kien sema' bih, ma kienx fatt determinanti sabiex l-Ewwel Qorti tiddeċiedi li huwa għandu jiġi investigat għal sperġur.

30. Fl-ewwel lok din il-Qorti ma tqisx li għandha tippronunzja ruħha dwar l-allegazzjoni tal-appellant li l-Ewwel Qorti uriet xi ostilità fil-konfront tiegħu.

Imma din l-Qorti trid tfakkar fir-rispett li għandu jintwera lil din l-istituzzjoni, li l-appellant resaq quddiemha bl-iskop li ssir ġustizzja miegħu. Jirriżulta anki mit-tweġibiet li ta l-appellant lill-Ewwel Qorti sa mill-ewwel dehra tiegħu quddiemha, li dan ir-rispett kien nieqes, u l-appellant deherlu li għandu jkun skars mal-verità, partikolarment meta qal li l-indirizz 70, 'Sharay', Triq il-Fraxxnu, San Ġiljan huwa qatt ma kien sema' bih, meta imbagħad irriżulta li kemm hu kif ukoll missieru huma rreġistrati fuq dan l-indirizz. L-appellant seta' kien aktar leali lejn il-fatti, u seta' qal li n-numru ma kienx ilu li żdied mal-indirizz uffiċjali, u għalhekk huwa ma kienx familjari miegħu. F'dan ir-rigward il-Qorti ma taqbilx lanqas mas-sottomissjoni tal-appellant li x-xhieda tiegħu ma kinitx dwar fatt materjali u determinanti għall-eżitu tal-kawża, u dan għaliex ir-rikors promutur tiegħu kien proprju mibni fuq il-premessa li huwa ma kienx irċieva l-att ġudizzjarju in kwistjoni fl-indirizz indikat. Fi kwalunkwe każ mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tiddeċiedi jekk f'dan il-każ kienx hemm sperġur jew le, u l-unika ħaġa li għamlet l-Ewwel Qorti kienet li talbet l-investigazzjoni tal-appellant mill-Kummissarju tal-Pulizija, wara li lilha rriżultalha li dan xehed falz fil-proċeduri li kienu qegħdin jinstemgħu minnha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**